GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 3 ta' Ġunju 2021 **Ref:** DLAP 168/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Xalata ta' Kitba għall-Familji online dwar il-Futbol

---

Qabel faqqgħet il-pandemija COVID-19, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu kienet torganizza diversi Xalati ta' Kitba, bil-Malti u bl-Ingliż, għal tfal bejn il-5 snin u t-12-il sena, u l-familji tagħhom f'firxa ta' lokalitajiet Maltin u Għawdxin. F'dawn ix-Xalati ta' Kitba l-familji jħaddmu l-proċess tal-kitba b'mod divertenti u f'ambjent rilassanti.

Fiċ-ċirkustanzi preżenti, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se torganizza Xalata ta' Kitba online bl-Ingliż dwar il-futbol kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 5 ta' Luilju 2021 |
| **Ħin:** | Bejn is-6:30 p.m. u t-8:00 p.m. |
| **Età:** | Bejn 8 u 11-il sena |
| **Kif:** | Bil-Microsoft Teams |

Dawk il-familji li jixtiequ jieħdu sehem f'din l-attività għandhom jirriservaw post billi jimlew il-formola online, li ssibha **hawn**, sa **mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju 2021**. Minħabba li l-postijiet huma limitati, il-parteċipanti jintgħażlu skont min japplika l-ewwel.

Jekk tixtieq iktar informazzjoni dwar din ix-Xalata ta' Kitba tista' ċċempel 2598 2997 jew tibgħat ittra elettronika lil mwp.nla@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**